MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 56/2004

Avviz Nru 56/04DM

Borg & Borg Construction Limited

Vs

Carmel sive Charles u Rita konjugi Zammit

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti li prevja kull dikjarazzjoni opportune jigu kkundannati jizgombraw mill-ghalqa ossija porzjoni diviza ta' art formanti parti mit-territorju maghruf bl-isem tal-Harruba sive Tas-Sellum fil-kontrada tal-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Bahar tal-kejl superficjali ta' circa sitt (6) itmiem li huma qed jokkupaw minghajr ebda titolu validu fil-ligi u dan stante li huma qatt ma hallsu

qbiela u/jew kumpens iehor ghall-okkupazzjoni tar-raba in kwistjoni u dan fi zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjes komprizi dawk  ta' l-ittra legali tat-23 ta' Ottubru, 2003, u ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Novembru, 2003, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni, bil-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwistjoni ma jeccedix is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccippjenti ghandhom titolu ta' qbiela liema qbiela kienu jhallsuha lill-awturi ta' l-atturi kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-lum permezz ta' liema l-kontendenti transigew il-kawza bejniethom, u fejn id-difensur tal-konvenuti ghan-nom ta' l-istess konvenuti pprezenta u qara nota ta' ammissjoni tat-talbiet attrici;

Rat ukoll l-istess verbal permezz ta' liema l-partijiet qablu illi l-izgumbrament tal-konvenuti mill-porzjon tat-territtorju in kwistjoni ghandu jsir wara gheluq ta' tlett (3) snin mid-data tal-lum;

Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' it-talba attrici u filwaqt li tiddikjara illi l-konvenuti m'ghandhom l-ebda titolu validu fil-ligi ghall-okkupazzjoni ta' l-art formanti parti mit-territtorju maghruf bl-isem 'Tal-Harruba' sive 'Tas-Sellum' fil-kontrada tal-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, tal-kejl superficjali ta' cirka sitt (6) itmiem qeghda tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jizgombraw mill-imsemmija porzjoni diviza wara gheluq tlett (3) snin mill-gurnata tal-lum.

Bl-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------